StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET SENA** **STORJA ĠENERALI** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

## TAQSIMA A

**Ħares sewwa lejn dan is-sors dwar il-Belt Valletta u wara wieġeb billi timla l-vojt b'kelma jew kliem adattati.**

*Sors A. Mappa tal-Belt Valletta tas-seklu 18.*




1.1 Il-Belt Valletta nbniet fuq l-Għolja ______________________________ (1)

1.2 Il-pjanta tal-Belt Valletta saret minn ______________________________ (1)

1.3 L-ewwel xogħol b'rabta mal-Belt kienu ______________________________ (1)

1.4 It-toroq tal-Belt saru għamla ta' ______________________________ (1)

1.5 F'nofs il-Belt inbena l- ______________________________ tal-Granmastru. (1)

1.6 F'tarf il-Belt reġgħet inbniet Forti ____________ li kienet iġġarrfet fl-Assedju l-Kbir.(1)

1.7 Il-bereġ tal-Kavallieri nbnew mal-Belt kollha u għalhekk ma sar l-ebda ____________ riżervat għalihom. (1)

1.8 Il-qtugħ tal-ġebel għall-bini tal-Belt sar mill- ______________________________ (1)

1.9 Fl-1571 il-Kavallieri ġarrew il-Kunvent mill- ______________ għall-Belt Valletta. (1)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1.10 X'kontribut ta Ġlormu Cassar fil-bini tal-Belt Valletta?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

1.11 X'importanza strateġika kellha l-Għolja li fuqha nbniet il-Belt Valletta?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

1.12 Kif kompliet tiżviluppa l-Belt Valletta taħt il-ħakma tal-Ordni fis-sekli 17 u 18?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(Total 15-il marka)**

StudentBounty.com

**TAQSIMA B**

**2. Ħares sewwa lejn dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

Kemm damu Malta l-Kavallieri għamlu minn kollox biex iħarsu l-portijiet ewlenin billi bnew diversi fortifikazzjonijiet. Kompli t-tabella mogħtija hawn taħt dwar l-ibliet u l-fortifikazzjonijiet tal-Kavallieri madwar il-Port il-Kbir. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.




*Sors B. Il-Port il-Kbir fis-seklu 18.*

| | | L-isem tal-belt, fortizza u port |
|---|---|---|
| 2.1 | Belt A | Valletta |
| 2.2 | Belt B | |
| 2.3 | Belt C | |
| 2.4 | Belt D | |
| 2.5 | Subborg E | |
| 2.6 | Forti F | |
| 2.7 | Forti G | |
| 2.8 | Forti H | |
| 2.9 | Port I | |
| 2.10 | Port J | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet**

2.11 X’kienet ir-raġuni li l-Kavallieri bnew il-Furjana?

______________________________________________________________________

2.12 Liema kategorija ta’ nies marru jgħixu fil-Mandraġġ? ______________________________ (1)

2.13 (a) Liema **tnejn** minn dawn l-aktar li kienu jgħixu fl-ibliet tal-Kottonera fi żmien il-Kavallieri?
(*bdiewa, rgħajja, negozjanti, baħrin, nobbli, sajjieda)* (2)

(b) Għid għaliex għażilt dawn. ______________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

2.14 Liema industrija kibret fil-Port il-Kbir fi żmien il-Kavallieri? ________________________ (1)

**(Total 15-il marka)**

**TAQSIMA Ċ**

**3. Kompli t-tabella dwar l-irħula qodma ta’ Malta u Għawdex. L-ewwel waħda hi mogħtija.**

| | | |
|---|---|---|
| 3.1 | Joffru kenn mill-irjieħ qawwija u fis-sħana tax-xemx. | **sqaqien** |
| 3.2 | L-ispazju ewlieni mingħajr bini fil-qalba tar-raħal. | |
| 3.3 | Prova ta’ kemm il-Maltin kienu devoti tat-twemmin Nisrani. | |
| 3.4 | Post fejn kienu jinġabru l-għassiesa biex jieħdu l-ordnijiet. | |
| 3.5 | Post fejn kien isir il-ħasil tal-ħwejjeġ. | |
| 3.6 | Il-knisja ewlenija li aktarx kienet tkun f’nofs ir-raħal. | |

(5)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

3.7 Liema **tnejn** minn dawn ix-xogħlijiet **ma kontx** issib fost il-Maltin ta’ żmien il-Kavallieri?
(*qalfat, welder, skarpan, furnar, bennej, ġurnalist*) (2)

3.8 Għaliex twaqqfu:

(a) il-*Monte della Redenzione*? ______________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

(b) il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti? ______________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

(ċ) it-Tribunal ta’ l-Inkwiżizzjoni? ______________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3.9 X’għamel il-Granmastru Pinto biex waqqaf l-Università ta’ Studji?

______________________________________________________________________ (2)

**(Total 15-il marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA D**

**4.1 Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar l-Akwidott ta' l-Ilma u l-Imdina fi żmien il-Kav**



*Sors C. L-Akwidott li wassal l-ilma fil-Belt Valletta*




*Sors D. Pjanta tal-Imdina*

4.1 X'nuqqas kellha l-Belt Valletta qabel sar l-akwidott? ______________________

4.2 X'kien jismu l-Granmastru li għalih issemma l-akwidott. ______________________

4.3 Minn liema minn dawn l-irħula beda jinbena l-akwidott (*Dingli*, *Attard*, *Mosta*, *Siġġiewi*).

4.4 L-akwidott hu magħmul minn ħafna (*gandotti, arkati, kolonni, ħitan*) mibnija ħdejn xulxin.

4.5 F'liema seklu nbena l-akwidott? ______________________

4.6 L-enġinier li kompla u lesta l-akwidott kien ______________________

4.7 X'bini kien iġġarraf fl-Imdina bit-terremot ta' l-1693? ______________________

4.8 Min kien il-Granmastru li rrestawra l-Imdina? ______________________

4.9. L-arkitett Mondion li rrestawra l-Imdina kien ta' nazzjonalità ______________________

4.10. Il-bini li tela' fl-Imdina fis-seklu 18 kien fuq stil ______________________

(10 x 1 = 10)

**4.2 Ikteb VERU jew FALZ għal dawn is-sentenzi dwar it-tmexxija ta' Malta mill-Kavallieri.**

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Ir-Rewwixta tal-Qassisin saret fi żmien il-Granmastru Pinto. | |
| (b) | Il-Konfoffa ta' l-Ilsiera saret fi żmien il-Granmastru Vilhena. | |
| (ċ) | Il-qassis li mexxa l-Irvell tal-Qassisin kien Dun Gejtan Mannarino. | |
| (d) | Fl-Irvell tal-Qassisin Forti Sant'Jiermu ntrebaħ mir-ribelli. | |
| (e) | L-ilsiera li qamu kontra l-Ordni rnexxielhom jaħarbu minn Malta. | |

(5 x 1 = 5)

**(Total 15-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA E**
**Ħares sewwa lejn dan is-sors u wieġeb il-mistoqsjiet dwaru.**



*Sors D*

5.1 Liema ġrajja fl-istorja ta' Malta juri sors D? ______________________ (1)

5.2 F'liema sena seħħet din il-ġrajja? ______________________ (1)

5.3 Liema Ġeneral famuż kien fuq ix-xwieni? ______________________ (1)

5.4 Xi skuża ġab dan biex ikun jista' jidħol bil-flotta fil-Port il-Kbir?

______________________ (1)

5.5 Liema Granmastru kien imexxi 'l Malta f'dak iż-żmien? ______________________ (1)

5.6 X'konsegwenza kellha din il-ġrajja fuq l-Ordni tal-Kavallieri?

______________________ (1)

5.7 X'għamel dan il-Ġeneral fil-ftit jiem li għamel hawn Malta?

______________________

______________________ (2)

5.8 X'seħħ f'Malta fl-ewwel jiem ta' Settembru 1798?

______________________

______________________ (2)

**(Total 10 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA F**

**6. Imla l-vojt bi kliem li joqgħod dwar ir-Rivoluzzjoni Franċiża ta' l-1789.**



*Sors E*
*Il-waqgħa tal-Bastilja f'idejn il-poplu ta' Pariġi.*



*Sors F*
*Il-qtil tar-re Lwiġi XVI bil-giljottina.*

Qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża, il-poter fi Franza kien kollu f'idejn ______________. Dan kien jgħix fil- _____________ ta' Versailles ftit bogħod minn Pariġi. In-nobbli u l- ________________ kellhom pożizzjoni privileġġjata fil-pajjiż. Mill-banda l-oħra l-piż tat- ______________ kien jaqa' l-aktar fuq il- _________________ u fuq il-klassi tan-nofs. In- ______________ kienu jgħixu fil-lussu u ma jitħalltux ma' min kien inqas minnhom.

Dan kollu wassal biex fl-1789 il-Franċiżi qamu kontra t-tmexxija tar-re ____________ XVI. Il-poplu attakka l- _____________, il-fortizza li kien hemm f'nofs Pariġi. Xi snin wara r-re għaddewh ġuri u qatluh billi qatgħulu rasu bil- ______________. Wieħed mill-aktar dokumenti importanti li ħareġ minn din ir-rivoluzzjoni u li kellu effett kbir fuq l-istorja ta' l-Ewropa u tad-dinja kien id-Dikjarazzjoni tad- ____________________ tal-Bniedem.

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**7. Ikteb fit-tul dwar wieħed minn dawn it-temi.**

7. 1 Ikteb dak li taf fuq **tnejn** minn dawn il-bini tal-Kavallieri fil-Belt Valletta.

(a) Il-Palazz tal-Granmastri
(b) Il-Bereġ tal-Kavallieri
(ċ) Il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann
(d) Is-*Sacra Infermeria* (10 x 2 = 20 marka)

7.2 Spjega kif il-Kavallieri ddefendew il-kosta, il-bajjiet u l-għoljiet ta' Malta u Għawdex. Għaliex ħassew il-ħtieġa li jagħmlu dan? X'qed isir mill-awtoritajiet u minn għaqdiet volontarji biex wirt bħal dan jinżamm fi stat tajjeb?

7.3 Xi stil ta' ħajja kellhom il-Maltin u kif kienu jiddevertu fil-ħin ħieles tagħhom taħt il-ħakma tal-Kavallieri?

7.4 X'diffikultajiet kellhom il-Franċiżi fis-sentejn li damu jaħkmu l-Gżejjer Maltin? X'bidla saret fil-mod ta' kif il-Maltin kienu jaraw lill-Franċiżi fil-bidu u lejn it-tmiem tal-ħakma tagħhom?

**(Total 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**(Total 15-il marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers